MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 142/2006

**Maria Dolores armla minn Nazzareno Ciantar f'isimha proprja u bhala mandatarja ta' binha l-assenti Tabib Dottor Etienne Ciantar kif awtorizzata bi prokura generali, u Jeanette Ciantar**

**vs**

**John Gracey u martu Josephine Gracey**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih l-atturi premettew:

Illi bi skrittura tat-28 ta' Mejju 2004, redatta minn Nutar Dottor John Gambin li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, il-konvenuti kkostitwew ruhhom debituri tal-mejjet Nazzareno Ciantar fis-somma ta' Lm34,000 li kellhom jithallsu mal-bejgh tad-dar Marouska b' garaxx anness maghha fi Triq n-Naxxar San Gwann.

Illi l-imsemmija dar inbieghet fis-27 ta' Jannar 2005, b' kuntratt tan-Nutar John Gambin li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.

Illi l-imsemmi Nazzareno Ciantar miet fit-23 ta' Novembru 2005 intestat u halla bhala werrieta tieghu l-unici zewg uliedu Tabib Etienne Ciantar u Jeanette Ciantar hawn annesi bhala dokumenti E, F u G.

Illi ftit qabel ma miet l-imsemmi Nazzareno Ciantar, informa lill-attrici Dolores Ciantar u lil bintu Jeanette Ciantar illi l-imsemmija konvenuti huma debituri tieghu fis-somma fuq imsemmija oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005.

Illi b' ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 li kopja taghha qieghda hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C, il-mejjet Nazzareno Ciantar kien interpella lill-konvenuti biex ihallsu s-somma fuq imsemmija, pero` baqghu inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida x' jissollevaw u l-atturi jiddikjaraw li jafu lilhom infushom b' dawn il-fatti kif fuq dikjarati.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' LM34,000 oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005 rapprezentanti kreditu dovut lill-atturi skond skrittura tat-28 ta' Mejju 2004 redatta minn Nutar Dottor John Gambin, hawn annessa bhala Dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 u l-Mandat ta' Sekwestru numru 327/06 l-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tal-atturi**, b'dan illi:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' LM34,000 oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005 rapprezentanti kreditu dovut lill-atturi skond skrittura tat-28 ta' Mejju 2004 redatta minn Nutar Dottor John Gambin, hawn annessa bhala Dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 u l-Mandat ta' Sekwestru numru 327/06 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------